MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 80/2011

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**George Sammut**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra George Sammut bin Vincent u Josephine nee Agius imwieled H'Attard fit-8 ta' Mejju 1960 u joqgħod Block A1 Flat 3 Qasam tal-Bini tal-Gvern Attard u li għandu n-numru tal-Identity Card 346860(M) akkużat talli fl-1 ta' Jannar 2010 għall-ħabta tas-2.15pm fi Triq Valleta, Rabat

(1) Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru DBY-305 (xarabank) fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kinex f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

(2) Kif ukoll ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana, naqas jew irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs skont il-Liġi

u aktar talli fl-1 ta’ Jannar 2010 għall-ħabta tat-3.00pm fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fi Triq San Kalċidonju, Floriana,

(3) kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni b’għajjat u storbju

(4) Qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagħa fil-pubbliku

Il-Qorti ntalbet biex  minbarra li tagħti l-piena stabbilita tordna li l-imsemmija persuna tkun skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan għal perjodu ta’ żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tat-3 ta’ Frar 2011 li fiha kkunannat lill-appellant għal piena komplessiva ta’ €500 multa waqt li applikat l-artikolu 15H(2) tal-Kap 65 u skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur mill-jum tal-għoti tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-appellant fis-16 ta’ Frar 2011

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant kienu dawn li ġejjin:

(i) Li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti għaliex l-appellant ma kienx qed isuq ix-xarabank DBY 305 fi triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi.  Huwa kein biss passiġġier. Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-appellant ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba sokor.  Anzi dawn xehdu li hwua kien f’siktu. Barra minn hekk ma jistax ikun li żewġ persuni jisntabu ħatja li saqu xarabank fl-istess ħin.    Skont l-appellant, l-Ewwel Qorti naqset li tqis il-konflitt fis-xhieda tal-Prosekuzzjoni partikolarment dwar

ċerti dettalji. Għalhekk l-appellant ma kellux jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni.

(ii) L-appellent kellu jinħeles mit-tieni imputazzjoni għaliex il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li kien qed isuq karozza fi stat ta' sakra. Il-Kap 65 ma jagħti ebda setgħa lill-Pulizija li tara jekk persuna hix fi stat ta' sokor jekk din tkun passiġġier f'karozza.

(iii) It-tielet u r-raba' imputazzjoni ma kinux ippruvati u kienu kontradetti mill-appellant.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż id-digriet tal-verbal tat-23 ta' Jannar 2012 li fih il-Qorti ċaħdet it-talba tad-difiża li ttella' jixhed xhud li, skont il-verbali, ma jirriżultax li xehed fil-Qorti tal-Maġistrati.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li biha ma sabitx li dan id-digriet jilledi d-dritt tal-appellant għal smigħ xieraq.

Rat l-affidavits ippreżentati.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet l-abbli Prosekutur u l-abbli Difensur jagħmlu t-trattazzjoni tagħhom.

Ikkonsidrat

**L-affidavits**

Li mill-affidavit ta' PS 163 R Azzopardi jirriżulta li dan l-uffiċjal kien ra karozza bin-numru DBY 305 sserrep fid-direzzjoni tar-Rabat. Ix-xufier kien Mario Psaila li baqa' jsuq minkejja li kien intalab jieqaf. Meta l-karozza fl-aħħar waqfet, ix-xufier kien George Sammut waqt li Mario Psaila kien fis-seat ta' wara. George Sammut qal li għall-ħabta tal-11am kienu marru jixorbu. L-uffiċjal qal lill-appellant li l-appellant kien jidher li xorob ukoll għalkemm ma kienx fi stat ta' sakra daqs Mario Psaila.

Fid-depot, George Sammut irrifjuta li jagħmel it-test minħabba li, skont hu,  huwa ma kienx saq il-karozza. L-uffiċjal fakkru li meta l-karozza waqfet mal-ġenb kien George Sammut li nstab fuq l-isteering.

L-istess intqal fl-affidavit ta' PC 1112 G Buhagiar. Huwa wkoll qal li l-ewwel xufier kien Mario Psaila.   Meta l-karozza waqfet ix-xufier ma kienx Mario Psaila iżda l-appellant li nstab fuq l-isteering.  George Sammut kien jidher li wkoll ikkonsma l-alkoħol minħabba r-riħa ta' xorb li kellu fuqu.  Hu stess kien stqarr li kienu bdew jixorbu għand Horace Bar mill-11.00 am.  Meta ttieħed id-depot flimkien ma' Mario Psaila huwa rrifjuta li jagħmel il-breathalyser test, għamel ħafna storbju, għajjat mal-Pulizija, qal kliem oxxen u dagħa.  L-istess attaġġjament kompla fit-triq ta' quddiem id-depot.

It-tielet affidavit kien ta' PC 721 Alex Sciberras li wkoll induna li l-ewwel darba kien hemm xufier fuq l-isteering waqt li t-tieni darba kien hemm l-appellant. Dan ix-xhud ukoll ikkonferma li Mario Psaila kien qiegħed fuq is-seat ta' wara.  Dan ix-xhud ukoll qal li l-appellant irrifjuta li jagħmel il-breathalyser test.  Fid-depot l-appellant u Mario Psaila bdew jgħajtu mal-Pulizija u komplew bl-istess attaġġjament barra fit-triq.

Fl-aħħar affidavit, SM 513 Anthony Gerada wkoll qal li kienu sab lill-appellant fuq ix-xarabank numru DBY 305 u kellhom suspett li kien taħt l-influwenza tax-xorb.  Fid-depot huwa kien saħansitra wissa lill-appellant li jekk wieħed ma jagħmilx il-breathalyser test, dan ikun qed jagħmel reat.  L-appellant beda jargumenta ma' PS 163 għaliex beda jsostni li huwa ma kienx saq il-karozza hu u rrifjuta li jagħti l-kampjun tan-nifs.   George Sammut kellu riħa ta' xorb.

**Il-kontro-eżamijiet.**

Sar il-kontro-eżami ta' PC 721 li qal li meta raw il-karozza sserrep is-sewwieq ma kienx l-appellant.   Iżda lil George Sammut kien rah fuq l-isteering u ma kienx f'siktu għall-aħħar.   L-uffiċjali kienu qalulu biex jipparkja għax hu kien

fi stat aħjar mill-ieħor. Żied jgħid li l-appellant ma kienx tah raġuni għala l-appellant ma riedx jieħu l-breathalyser test.

Imbagħad sar il-kontro-eżami ta' SM 513 Anthony Gerada. Dan ix-xhud qal li George Sammut ukoll kellu riħa ta' xorb. L-appellant kien qallu wkoll li hu ma saqx il-karozza. Minbarra dan, l-appellant ma kienx qal kliem offensiv.

Sar ukoll il-kontro-eżami ta' PS 163 Robert Azzopardi li kkonferma li kien raw ix-xarabank ħdejn il-Kappella tal-Kaċċatura. Dak il-ħin ma kienx qed isuq George Sammut. Ix-xarabank kien daħal fil-lanwe opposta – jiġifieri fejn kienu qed isuqu l-Pulizija stess. Dak il-ħin kien qed isuq Mario Psaila. Ix-xufier tal-Pulizija daqqlu l-horn u s-serena u għamillu s-sinjal beix jieqaf. Iżda x-xufier tax-xarabank baqa' jsuq. Meta sa fl-aħħar ix-xarabank waqfet, ix-xhud induna li x-xufier kien inbidel għax issa kien qed isuq George Sammut. Huwa kien ta ordni lil George Sammut biex jieqaf mal-ġenb. **Lil George Sammut kien rah isuq**. Dan kellu riħa ta' xorb fuqu u għarraf lix-xhud li kienu ġejjin minn bar ġewwa Ħ'Attard. F'dan il-bar kienu ilhom madwar tliet sigħat. Fid-depot, l-appellant kien għajjat daqsxejn u tkellem ħażin.

Wara dan il-kontro-eżami, sar il-kontro-eżami ta' PS 1112 George Buhagiar li qal li kienu laħqu lix-xarabank f'madwar minuta wara li rawh. Huwa wkoll ra lill-appellant fuq l-isteering. Lil George Sammut kien rah isuq u dan kellu riħa ta' xorb fuqu. Fid-depot beda jirrifjuta li jagħmel il-breathalayser.

**Xhieda tal-appellant**

George Sammut qal li Mario Psaila kien l-imgħallem tiegħu. Dan kien mar biex jieħu x-xarabnk ħalli jaħdem bih hu. Huma kienu waqfu jieħdu xi flixkun birra. Huma kienu raw lill-Pulizija għax waqqfuhom u tefgħu l-karozza quddiemhom. Huwa qal li x'ħin waqqfuhom il-Pulizija huwa ma kienx qed isuq. Huwa saq biss meta l-Pulizija ordnawlu biex jipparkja t-truck. Ix-xhud qal li hu m'għamilx il-brathalyser minħabba li hu ma kienx ix-xufier.

Huwa kien bilqegħda fuq is-seat. Mario Psaila kien ammetta li kien qed isuq hu. Ix-xhud baqa' jinsisti li huma kienu ħadu minn flixkun birra sa tnejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Espożizzjoni tal-Liġi**

Għal dik li hija l-liġi l-artikoli 15A u 15E tal-Kap 65 jgħidu hekk:

**15A.** (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

**15E.**(4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju, titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:

Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien tagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.

Mill-provi fil-proċess jirriżulta li l-ewwel sewwieq tax-xarabank kien Mario Psaila. Dwar dan m'hemm ebda dubju.

Iżda din il-Qorti m'għandha ebda dubju li l-Pulizija sabu lil George Sammut (l-appellant) fuq is-seat tax-xufier meta dawn irnexxielhom ileħħqu max-xarabank u jwaqqfuha. Mill-kontro-eami ta' PS 163 Robert Azzopardi jirriżulta **li**

**dan ix-xhud ra lil George Sammut isuq. Barra dan ġaladarba l-Pulizija raw lil George Sammut fis-seat tad-driver f'mumenti meta x-xarabank kienet qegħda fit-triq fid-direzzjoni tar-Rabat, allura żgur li huwa ppruvat li kien George Sammut qed jipprova jsuq ukoll jekk dan kien għal ftit mumenti biss. U m'hemmx misteri dwar dan kollu għax huwa ċar li l-ewwel kien qed isuq Mario Psaila u imbagħad, malli raw li l-Pulizija kienet qed issegwi x-xarbank, seħħet il-bidla fis-sewwieq.**

Ix-xhieda kollha qablu li l-appellant kellu riħa ta' xorb għalkemm huwa ma kienx fi stat ta' sokor li kien Mario Psaila.

Barra dan kollu, m'hemmx dubju li l-appellant m'għamilx il-breathalyser test għaliex huwa allega li ma kienx qed isuq.

Minkejja li l-appellant kien fi stat aħjar minn dak ta' Mario Psaila, ma jfissirx li l-kapaċita' tiegħu għas-sewqan ma kinitx imnaqqsa minħabba x-xorb. Din il-Qorti ma ssibx attendibbli x-xhieda mogħtija mill-appellant li huma kienu xorbu flixkun birra jew tnejn.Ix-xorb kien ilu għaddej mill-11.00am jew ftit wara waqt li l-inċident seħħ għall-ħabta tas-2.15 ta' wara nofs in-nhar..

Skont l-artikolu 15F tal-Kap 65, la l-appellant m'għamilx il-breathalyser test, huwa jkun għamel reat propju għax m'għamilx it-test waqt li tiskatta l-preżunzjoni li l-proporzjon ta' alkoħol f'demmu huwa aktar mil-limitu preskritt.

L-appellant ma ġab ebda prova kontra dan. Lanqas ma ġab xi difiża li huwa ma setax jagħmel il-breathalyser test minħabba xi kondizzjoni fiżika.

Għaldaqstant il-Qorti mhix tilqa' l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant.

Għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, skont l-affidavit ta' PS 163 R Azzopardi kemm Mario Psaila kif ukoll

George Sammut  komplew bl-istorbju 'anke wara li ż-żewġ persuni ħarġu mid-depot.'

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-ħtija tal-appellant li kienet stabbilita mill-Qorti tal-Maġistrati u mhix tilqa' dik il-parti tat-tielet aggravju li għandha x'taqsam mat-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, din il-Qorti ma sabitx prova biżżejjed u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-appellant minnha.

Il-piena hija fil-parametri tal-Liġi. Għal dik li hija multa din hija filfatt anqas minn dik indikata fil-Liġi waqt li l-perjodu ta' sospensjoni qiegħed fil-minimum tiegħu.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qegħda tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-3 ta' Frar 2011 billi waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u fejn ikkundannat lill-appellant iħallas multa ta' €500 u fejn skwalifikatu milli jkollu jew jikseb xi liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur u qed tirriformaha u tbiddilha fejn sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni u minflok qed tilliberah minnha.  L-iskwafika milli l-appellant ikollu jew jikseb xi liċenzja tas-sewqan tibda min-nofs il-lejl u minuta ta' llum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------